

25-9-88
10-1-91
25-9-88
25-9-88
11-12-88
17-3-91
11-8-91
1-10-91
27-10-95
3-9-92
31-10-96
26-6-92
15-10-93
20-3-96
7-3-97
20-7-97
31-7-97
31-12-97
10-12-97
20-3-98
2-5-98
1-11-98
17-4-99
17-4-99
17-4-99
1-5-99
1-7-99
1-4-900



Gio Batta Diacono.
Malta Zeitun.
Trik Santa Caterina N°74.

# Insiru nafu aktar l-istorja tagħna

Riċerka Charles Debono

Robbie Mifsud Bonniċi fl-ewwel ktieb tiegħu "Stejjer ta' Baned f'Malta u Għawdex" pagna 39, meta jitkellem dwar it-twaqqif tal-Banda Beland jikteb illi kellu f'idejh dokument li kien juri li l-Banda Beland twaqqfet fl-1860 (**Ara paġna 46 noti u dokumenti C**). Dan id-dokument kien il-propjeta' ta' Giobatta Diacono li kien iben il-fundatur tal-banda Orazio u ħu il-magħruf kompożitur Carlo. Fl-istess ktieb aktar 'l quddiem, l-awtur jikteb u jikkonferma illi dan id-dokument kien jinsab f'idejh. Biex nikkonfermaw dan kollu, waqt riċerka li konna qed nagħmlu aħna dan l-aħħar ġiet f'idejna ittra miktuba fl-1950 minn idejn l-istess Giobatta fejn jistqarr ma' neputih il-Perit Orazio, u jgħidlu "li l-ewwel orkestra fiż-Żejtun waqqafha in-nannu(tiegħi) u nannuk Orazio (missieri) waqqaf il-banda fl-1860". Qed nirriproduċu din is-silta mill-istess ittra oriġinali. Fiha jikkonferma wkoll illi ħuh Carlo kien idoqq il-kwartin mal-banda u ħareġ idoqq għall-ewwel darba nhar il-Gimgħa l-Kbira tal-1888. L-istess Giobatta (Tittu) jikteb ukoll f'din l-istess ittra li kien ukoll idoqq fil-banda Beland bil-bumbardun u kien xtrahulu mill-Germanja Dun Felic Micallef li dak iż-żmien kien attiv ħafna fil-każin.

**1888.** Filwaqt li l-Banda Beland twaqqfet fl-1860 mill-Orkestra taż-Żejtun dejjem minn membri tal-familja Diacono, it-twaqqif formali u statutorja tas-Soċjeta' kif nafuha illum seħħ uffiċjalment fil-25 ta' Settembru, 1888. Sa dak iż-żmien is-Surmast kien kollox – jidderieġi u jieħu ħsieb il-Banda filwaqt li jagħmilha ukoll ta' President, Segretarju u Kaxxier fl-istess ħin. Naturalment kien ikollu xi nies miegħu biex jgħinuh. Mat-twaqqif formali tas-Socjeta' dan kollu spiċċa u filwaqt li s-Surmast żamm postu bħala l-kap u d-direttur tal-banda, l-amministrazzjoni ġiet f'idejn Kumitat formali bl-ewwel President ikun is-Sur **Gużeppi Baldacchino**, magħruf bħala **ta' l-iskultur** minħabba l-parentela li kellu ma' l-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia.



*Gużeppi Baldacchino*

Minn **reġistru antik bid-data tal-1901** bl-isem "**Prospetto indicante i Soci proprietari del Casino Beland**" sirna nafu uħud mill-ewlenin membri tas-Soċjeta bid-data ta' l-ammissjoni tagħhom u f'ċerti każi bl-indirizz u l-laqam tal-familja.

Fost dawn insibu lil Alfons Caruana,(tal-Marsus), Giovanni Pace u Francesco Caruana(tal-barbapawl) kollha fl-25-9-1888 u Michele Caruana (tal-Marsus) fil-11-12-88. ...(Ara r-ritratt fuq ix-xellug) Dan Alfons Caruana aktar tard inħatar Segretarju kif ukoll President mhux biss tas-Soċjeta' tagħna imma wkoll tas-Soċjeta' Mużikali Stella Maris ta' tas-Sliema.
Fost membri oħra li ingħaqdu mas-Soċjeta' Beland insibu lil Raffaele Camilleri, Gaetano Gauci, Giovanni Saliba u Rosario Vella kollha fl-10 - 1 – 1891. Insemmu wkoll lil Spiro Baldacchino, (tal-bezzi), 3-9-1892; M.Angelo Aquilina – (ta' Kalanc tas-Siggiewi (20-3-1896), Giuseppe Dalli, (ta' xpakka), (20-7-1897), Stefano Żammit (31-12-1897), Raffaele Bonello (1-11-1898), Nazzareno Bonello- (ta' Sullar) (11-1-1899), Willy Sestito – tal-Isqalli (2-6-1900).
Skond dan ir-registru b'kollox kien hemm 65 Soċi propretarji u 252 soċi sempliċi. ■

"l-ewwel orkestra fiż-Żejtun waqqafha in-nannu(tiegħi) Giobatta u nannuk Orazio (missieri) waqqaf il-banda fl-1860"